**MINUTI LAQGĦA NUMRU 45**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tnejn, 4 ta' April, 2022.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tnejn 4 ta' April 2022, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

# 45.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

45.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

# 45.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

45.2.1 Is-Segretarju staqsa lill-Kunsilliera dwar minuta 44.4.27, peress li ma kienx ħareġ ċar x'kien ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti. Is-Sindku qal li dak inhar dan l-item kien baqa pendenti u li ser jiġi diskuss illum.

45.2.2 Ma kienx hemm aktar talbiet għal korrezzjonijiet u għalhekk il-minuti ta' laqgħa numru 44 ġew maqbula hekk kif imniżżel hawn fuq.

# 45.3 Komunikazzjoni tas-Sindku



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

45.3.1 Is-Sindku Paul Buttigieg ippreżenta stimi ta' *rubbish bins* għal Ġnien il-Familja. Il-Kunsill qabel li jinġiebu stimi oħra ta' mudell simili għal dak "Copperfield" ta' Gokker Ltd.

45.3.2 Is-Sindku qal li bħala Kunsill ħallasna l-kera tal-art fejn hemm iċ-Ċentru Ċiviku. Fl-istess waqt, qed nistennew li tissejjaħ laqgħa oħra dwar il-kamra (l-eks berġa tas-saħħa) li qiegħda tintalab mill-iskola.

45.3.3 Dwar il-*patching* li hu meħtieġ fi Triq l-Indipendenza, is-Sindku qal li Gatt Ltd ġew infurmat imma għadu ma ġiex jibda x-xogħol.

45.3.4 Is-Sindku qal li l-kumpannija Greenpak stampat leaflets dwar is-separazzjoni ta' l-iskart u dawn tqassmu f-r-residenzi tal-Qala.

45.3.4 Is-Sindku qal li intbgħat reminder lill-Arċipriet dwar il-qsari li jridu jiċċaqalqu fi Pjazza M Buttigieg, imma s'issa l-Kunsill għadu ma rċieva ebda rispons.

45.3.5 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li s-siġra fi Triq il-Wardija maqtugħa. Saret ukoll tarġa għall-bankina fejn kien hemm l-imsemmija siġra u dan għaliex il-bankina kienet għolja.

45.3.6 Is-Sindku qal li l-*phone booth* inħasel. Meta mar biex jara x-xogħol kien kważi intmess bil-karozza minn eks ħaddiem tal-Kunsill. Is-Sindku qal li dwar dan għamel rapport mal-Pulizija.

45.3.7 Is-Sindku qal li tkellem mar-residenti ta' Triq il-Wardija u li dawn qalulu li l-pressa tal-ilma ġiet ferm aħjar. Dan ikkonfermaħ ukoll l-Inġineer Camilleri. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak sostniet li għad hemm min għad għandu provvista tal-ilma batuta. Il-Kunsill ser ikun qed jorganizza laqgħa bejn l-Ingineer Camilleri u l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak biex imorru fuq il-post flimkien.

45.3.8 Is-Sindku qal li r-restawr Statwa u pedestal ta' l-istatwa ta' San Ġużepp lest u li issa hemm bżonn sinjali tat-traffiku. Il-kwotazzjonijiet ser jitgħaddew bl-email lill-Kunsilliera biex tittieħed deċiżjoni dwarhom.

45.3.9 Is-Sindku qal li għamel diversi telefonati dwar id-*disability parking* fi Triq taċ-Ċawl. Anke Transport Malta (TM) marru fuq il-post u ma sabuħx hemm. Is-Sindku qal li din il-problema issa hi f'idejn TM għaliex bħala Kunsill ma nistgħux nagħmlu aħjar.

45.3.10 Is-Sindku qal ser isir xi *reality TV* fiz-zona tal-Blata fejn jeħtieġu servizz ta' *internet*. Il-Kunsill ġie mitlub permess biex jitwaħħlu arbli temporanji mill-Kunċizzjoni sa ta-Blata. Il-Kunsill qabel ma dan.

45.3.11 Is-Sindku ħabbar li l-*Malta International Fireworks* ser isir fis-17 ta' April minn quddiem Hondoq. In-nar ser jinxtgħel minn fuq *barges*. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsill talab biex issir attenzjoni ħalli ma tiġix ikkawżata ħsara lis-*seabed* jew lil *outflow pipes*



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

tad-distillatur. Transport Malta ser ikunu qed jieħdu ħsieb it-*traffic management* fi Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Fortizza Sant' Antnin u Triq il-Wileġ.

45.3.13 Is-Sindku semma kif fl-imgħoddi kien sar *culvert* in-naħa ta' isfel fi Triq il-Kunċizzjoni. Jidher li din il-*culvert* tkissret minn ħaddiema privati, u li l-istess ħaddiema qalu li s-sid ser jitlob li jerġa jsir il-gandott a spejjeż tal-Kunsill. Is-Sindku qal li ma jaqbilx ma dan. Il-Kunsill qabel mal-pożizzjoni tas-Sindku.

45.3.14 Is-Sindku semma li sfronda parti mis-servizzi fi Triq Ta' Ċini Servizzi u li saret tiswija mill-Kunsill.

45.3.15 Is-Sindku semma li Triq taċ-Ċawl reġgħet niżlet biċċa oħra. Bżonn urġenti li titranġa. Il-Kunsill ser ikun qed jibgħat mill-ġdid lill-Ministeru biex isir intervent.

45.3.16 Is-Sindku qal li saret laqgħa Awtorità tal-Ippjanar dwar fondi għal proġetti li l-Kunsill qed jaħdem fuqhom.

45.3.17 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li l-Ministeru għal Għawdex infurmaħ li ser jibgħatu 4 ħaddiema mal-Kunsill. Sa issa ġew 2 u rrappurtaw għax-xogħol għall-ewwel darba llum.

45.3.18 Is-Sindku ppreżenta 3 stimi (*hand quotations*) għal seasaw fi Ġnien il-Familja. Segwiet diskussjoni fuq dawn l-istimi. Il-Kunsill qabel li jintgħażel il-mudel "Joaninhas EML027" tal-Kumpannija Urban Play Solutions.

45.3.18 Is-Sindku qal li sar xogħol fi Triq Addeodata Pisani. Ix-xibka tħallset mil-Kunsill, waqt li ħaddiema u materjal ieħor ħallas għalih il-Ministeru għal Għawdex.

45.3.19 Is-Sindku qal li fi Triq il-Mitħna tpoġġew il-*high tension cables* u sar xogħol ta' resurfacing. Bħalissa hemm taħdidiet bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex jaqsmu x-xogħol li fadal bejnietom. Il-Kunisllier Karl Buttigieg qal li bi "triq il-Mitħna" huwa jifhem minn fejn Triq San Ġużepp sa Triq Wied Simar, allura xħin jintqal diskors li "saret Triq il-Mitħna mhux korrett". Il-Kunsilliera Karl Buttigieg u Valerie Cassar Mejlak qalu li l-istat ta' Triq il-Mitħna kif inhu bħalissa mhux aċċettabli. Is-Sindku qal li is-surfacing ta' Triq il-Mitħna ser isir kollu, imma għadu fi process ta' tender. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li t-tender għal Triq il-Wardija hu aġġudikat.

45.3.20 Is-Sindku qal li parti minn Triq Andar ix-Xagħri (zona ta' Muxi) sarilha t-*tarmac* b'intervent tal-Ministeru għal Għawdex. Huwa rringrazzja lill-Ministeru għal dan ix-xogħol.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

45.3.21 Is-Sindku qal li bdew 2 ħaddiema ġodda illum[1], u li għada sejrin inaddfu l-fortin ta' Sant' Anton. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li din il-fortizza reġgħet bdiet nieżla tikka tikka. Is-Sindku qal li ser ikun qed jiċċekja tistax issir tiswija permezz tal-fondi UIF.

45.3.20 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li fil-5 ta' Marzu saret attività ta' tindif mill-għaqda "Keep Qala Clean" fiz-zona "tas-Surġent".

45.3.21 Is-Sindku qal li l-Community Police huwa *asset* kbir għar-raħal għax minn mindu beda s-servizz issolvew ħafna problem, fosthom ta' skart.

45.3.22 Is-Sindku qal li reġa' tkellem mal-pulizija l-ġimgħa l-oħra dwar il-ħruq tal-*ibins*; dawn għadom jistennew charges biex jinħarġu mill-maġistrat.

45.3.23 Is-Sindku qal li fi Triq in-Nadur twaħħlu tabelli minħabba l-iskart, imma reġgħu inqalgħu mill-ewwel. Madankollu s-Sindku rrapporta li issa mhux qed jintefa' skart.

45.3.24 Dwar il-Mafkar tal-Gwerra, is-Sindku qal li mar għand ta' Axiaq. Dawn ser jipprovdu disinn u stima.

45.3.25 Is-Sindku qal li d-dati għal Konferenza ta' Canale Monterano huma bejn it-13 u l-21 ta' Ġunju. Is-Sindku talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex ninfurmaw lil ta' Canale Monterano b'dan il-bdil fid-dati.

45.3.26 Is-Sindku qal li saret proposta lir-Reġjun biex dan jgħin fil-ħlasijiet ta' appelli mal-Awtorità tal-Ippjanar. Il-Kunsill bagħat lista ta' appelli li saru, flimkien ma spejjez marbuta.

45.3.27 Is-Sindku kif ħaddiema tal-iskola dalgħodu kienu qed inaddfu xi siġar, u ħallew ħafna ħmieġ lit-triq. Is-Surmast intalab jieħu azzjoni u dangħa bagħat il-purtinari. It-Triq tnaddfet imma xi ftit fil-ġemb baqa.

45.3.28 Sindku ha jitkellem ma Sindki oħra biex naraw hux ser jagħmlu xi attivitajiet tal-Karnival huma. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li l-Ministeru għal Għawdex ma ser jagħmlu xejn għax dawk il-ġranet ħa jaħbat ma festa' ta' Parroċċa Għawdxija.

## 45.4 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera

45.4.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet il-Kunsill avviċinax lis-Sur Josef Farrugia, u dan fir-rigward tas-servizzi moghtija lilu fl-EUISM u QIFF. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li s-Sur Farrugia bagħat email ta' riżenja s-sena l-oħra. Is-Sindku żied li hu avviċinaħ aktar minn darba imma t-tweġiba ta' Farrugia kienet li ma jixtieqx.

[1] Ara wkoll minuta 45.3.17



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

45.4.2 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar kienx hemm żviluppi fil-kaz ta' Dr Mike Tabone[2]. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li intbgħatet risposta lil Dr Tabone bil-fomm, ma ommu, dwar l-informazzjoni li ntalbet mill-Kunsill f'laqgħa numru 44.

45.4.3 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak talbet informazzjoni dwar kienx hemm żviluppi fir-rigward ta' *sleeping policeman* fi Triq iż-Żewwwieqa. Is-Sindku wieġeb li din it-talba tinsab quddiem Transport Malta u qiegħda tiġi segwita mill-Perit. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tablet li tintbghat email mill-Kunsill, bis-sindku jwieġeb li intbgħatu ħafna email. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ilmentat dwar kif il-Perit għandu ħafna proġetti mibdija imma jidher li kollox imwaħħal. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li ma tistax tifhem kif din kienet taħt il-Kunsill tant li kienu ser jinxtraw l-affarijiet, u issa jidher li tinsab f'idejn Transport Malta. Segwiet diskussjoni dwar applikazzjonijiet li l-Kunsill għandu għand *Transport Malta*; jiġifieri (i) *Loading/Unloading* għal ħwienet, (ii) *Sleeping Police* fi Triq iż-Żewwieqa, *Zebra Crossing* fi Triq l-Imġarr u (iv) *Disability Parking* fi triq taċ-Ċawl. Il-Kunsill qabel li tintalab laqgħa mat-tmexxija ta' *Transport Malta* ġewwa Għawdex biex jiġu trattati dawn it-tliet talbiet.

45.4.4 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet li hemm bank miksur fuq il-Belvedere: Is-Sindku qal li dan ser isir.

45.4.5 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkellmet dwar il-ħtieġa ta' *yellow line* fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg. Is-Sindku qal li billi dal-*yellow line* huwa żgħir allura jista' jsir mill-Kunsill.

45.4.6 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak talbet biex il-Kunsill jagħmel talba lil Ministeru għal Għawdex biex naraw fejn wasal il-proċess għal bozza *solar* fi Triq Anton Buttigieg. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jikkomunika mal-Ministeru f'dan ir-rigward.

45.4.7 Il-Kunsilliera Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak Cassar Mejlak staqsiet kienx hemm żviluppi fir-rigward ta' żbier tas-siġar fi Pjazza San Ġużepp. Is-Sindku wieġeb li qed jistenna lis-Sur Dione Caruana jiġi ħalli jitla bic-cherry picker biex jevalwa s-sitwazjoni. Ġie nnutat li s-Sur Caruana kien ma jiflaħx.

45.4.8 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkellmet dwar l-għeluq tal-Pjazza fis-Sajf; li dwarha kienu qablu 4 kunsilliera waqt li s-Sindku ddikjara ruħu kontra.Il-Kunsillier Karl Buttigieg prropona li tiġi ppruvata darba jew darbtejn ħalli wieħed ikun jista' jara kif taħdem. Intlaħaq qbil li ssir laqgħa informali fuq dan is-suġġett biss, ħalli jkunu jistgħu jitressqu l-idejat.

45.4.9 Il-Kunsilliera Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak Cassar Mejlak qalet li hemm problema ta' traffiku bit-trakkijiet Triq 28 ta' April 1688. Ġie rrappurtat li qed ikun hemm

[2] Ara minuta numru 44.10.6

każijiet fejn residenti joħorġu minn darom biex jidderieġu t-traffiku. Il-problema tikkonsisti kemm f'volum kbir ta' traffiku kif ukoll veloċita' eċċessiva. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet kemm jifilħu (tat-trakkijiet) jibqgħu jqattgħu mill-barrieri? Is-Sindku kkummenta li t-traffiku fit-toroq tar-raħal għadu jrid jiżdied.

45.4.10 Il-Kunisllier Joseph Buttiegieg tkellem dwar il-ħitan tas-sejjieħ fi Triq il-Wileġ. Issa li huma lesti jmiss dawk Triq il-Fortin ta' Sant' Antnin. Billi t-triq hi dejqa ser ikun hemm bżonn *traffic management* fejn il-vetturi jintalbu jgħaddu minn toroq alternattivi. Il-Kunsill qabel biex isir tentattiv li x-xogħol jibda' nhar it-18 ta' April. Il-Kunsill ser ikun qed javża lit-trakkijiet biex jidħlu minn Triq Andar ix-Xagħri u joħorġu minn Triq il-Wileġ.

45.4.11 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li l-Ministeru ser ikun qed jipproponi idea ta' *farmers' market* madwar Għawdex. Dan ser jibda bħala proġett pilota għal 4 rħula. Ir-raħal tal-Qala hu inkluż fil-proġett pilota imma għad ma hemmx dati meta dan ser jibda'. Il-Kunsill qabel ma dan.

45.4.12 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg għarraf lill-Kunsill li ser ikunu qed jerġgħu jibdew il-*Qala Wednesdays*. Il-Kunsill qabel ma dan.

45.4.13 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li inġibditlu l-attenzjoni li t-tender għal Konferenza ta' l-EUISM ġewwa Għawdex ma għandiex dettalji dwar dati u numru ta' persuni involuti. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jagħmel verifika dwar dan.

45.4.14 Il-Kunsillier Karl Buttigieg irrapporta li s-servizz tal-WIFI fuq il-Belvedere mhux qed jaħdem. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill jaf li kien hemm problema u li fil-fatt ir-*routers* ġew *reset* fil-ġranet li għaddew.

45.4.15 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar il-ħadid tar-*roundabout* ta' Triq Wied is-Simar. Is-Sindku qal li f'dik ir-*roundabout* il-ħadid irid jinbidel kollu.

45.4.16 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar it-tiswijiet fi Triq l-Indipendenza. Is-Sindku informa lill-Kuntrattur iżda dan għadu ma tax data meta ser jibda x-xogħol.

45.4.17 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa min jieħu ħsieb l-arbli tas-servizzi, fit-toroq? Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li qed jistaqsi dan għaliex fi Triq l-Imġarr hemm arblu li mhuwiex fil-qasma. Il-Kunsill ser ikun qed jibgħat talba lil Enemalta biex l-arblu jiċċaqlaq.

45.4.18 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai tkellem dwar ħofra fi Triq Papa Piju IX. Inġibdet l-attenzjoni 3 ta' Marzu, u fit-23 intbgħatet *reminder*. Staqsa hemmx indikazzjoni meta ser issir? Is-Sindku wieġeb li din it-tiswija ser jagħmluwa mal-ewwel *batch* li jsir.

45.4.19 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai irrapporta li hemm ħofra fi Triq ta' Kassja quddiem il-familja Vella. Is-Sindku wieġeb li din ser issir.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

45.4.20 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li hemm numru ta' djar fi Triq il-Klin li għadhom bil-fossa. Staqsa jistax issir almenu fossa komuni b'pompa għal *main sewer*. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa nistgħux napplikaw għas-servizz? Is-Sindku qal li ser ikellem lil *Water Services* dwar dan.

45.4.21 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa jekk il-kumpanniji li joffru servizzi ta' *water sports* ġewwa Hondoq ġewx avżati dwar il-bdil fis-*swimmers zone.* L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jinfurmahom.

45.4.22 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa kienx hemm zviluppi dwar ir-rapport li kellu jlesti Dr Alan Deidun dwar l-i*scuttling* ta' Vapur fil-limiti tal-Qala. Is-Sindku qal li waqt li l-Kunsill qabel fil-prinċipju ma din l-inizjattiva, hu qiegħed jagħmel *chasing* għal dan ir-rapport.

45.4.23 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa dwar iż-żbir tas-sigar fi Pjazza San Ġużepp. Is-Sindku tenna li qed jistenna mingħand is-Sur Caruana u dan peress li kien ma jiflaħx[3].

## 45.5 Aġġornament fuq il-programm EUISM

45.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li l-email minn Angelo Ciocchetti bl-invit għal Konferenza ta' Canale Monterano intbgħatet illum. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf ukoll li, kif maqbul fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, sar l-ewwel pagament ta' €9,500 lil Kunsill ta' Canale Monterano.

45.5.2 L-Agent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lista ta' stimi għal biljetti tal-ajru biex il-Kunsill ikun jista' jattendi għal Konferenza EUISM ta' Canale Monterano. Il-Kunsill qabel li tiġi aċċettata l-istima ta' Links Travel.

45.5.3 Il-Kunsilier Karl Buttigieg staqsa dwar il-ktejjeb li l-Kunsill jippublika għal dawn il-Konferenzi. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa kemm ġie jiswa d-darba l-oħra? L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-aħħar ktejjeb sewa' €271.40 (vat inkluż). Is-Sindku ħareġ 'il barra biex ma jinvolvix ruħu fid-diskussjoni ta' dan l-*item*. Il-bqija tal-Kunsilliera qablu li li neċċekjaw kemm jiġina ħalli jekk il-prezz jibqa simili filkaż immorru għal Direct Order. Wara li ttieħdet din id-deċiżjoni s-Sindku reġa' daħal fil-kamra.

45.5.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li, kif diġa sar aċċenn qabel[4]; ġie ppublikat *tender* għal akkomodazzjoni, ikel u servizzi marbutin mal-konferenza EUISM f'Għawdex.

---

[3] Ara minuta 45.4.7
[4] Ara minuta 45.4.13



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 45.6 Sejħa għal kwotazzjonijiet għal servizz ta' *Locality Assistant*

45.6.1 Ġie ppreżentat ir-rapport imħejji mill-bord ta' evalwazzjoni li nħatar biex jistudja l-offerti sottomessi għas-sejħa hawn fuq imsemmija. Il-Kunsill qabel mar-rapport tal-bord. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet kemm kienet *by the hour* l-offerta rebbieħa. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jibgħat din l-informazzjoni permezz ta' email lil Kunsilliera.

## 45.7 Sejħa għal kwotazzjonijiet għal servizz ta' *Outdoor Gym Equipment*

45.7.1 Ġie ppreżentat ir-rapport imħejji mill-bord ta' evalwazzjoni li nħatar biex jistudja l-offerti sottomessi għas-sejħa hawn fuq imsemmija. Il-Kunsill qabel mar-rapport tal-bord. Il-Kunsilliera talbu tagħrif dwar fejn ser ikun qed jitwaħħal dan l-*equipment*.L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jgħaddi din l-informazzjoni aktar 'il quddiem. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li jkun tajjeb isir pjan *long term* ta' x'affarijiet iridu jsiru/jiżdiedu fi Ġnien il-Familja ħalli meta joħorġu sejħat jew skemi fil-futur, il-Kunsill ikolu stampa ċara ta' x'inhu meħtieġ u fejn. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 45.8 Aġġornament fuq Triq it-28 ta' April 1688

45.8.1 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li saret laqgħa mal-i*stakeholders* (Enemalta, WSC, GO etc) . Il-perit ser ikun qed jirranġa l-Bill Of Quantities għax l-ispejjeż għolew, ħalli imbgħad issir talba għal *variation* lil Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku qal li jidher se jtuwielna imma għad ma hemm xejn f'idejna. Is-Sindku talab ukoll bidla servizzi tad-drenaġġi kollha, u bħalissa qed nistennew tweġiba dwar dan mill-WSC.

## 45.9 Materji Amministrattivi

45.9.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li llum bdew żewġ ħaddiema mal-Kunsill. Ta merħba lil Eddie Sacco u Anthony Sciberras u awguralhom il-ħdima t-tajba. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv radd ħajr lil *Community Works Scheme Foundation* u lill-Ministeru għal Għawdex li pprovdew dawn il-ħaddiema.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

45.9.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ġab stimi għal ktejjeb b'rabta mal-Mafkar tal-Gwerer. Għal dan l-*item* is-Sindku ħareġ mil-kamra biex jiġi evitat kull perċezzjoni ta' kunflitt ta' nteress. Waqt li s-Sindku kien barra ġew diskussi dawn l-istimi. Billi għad ma hemmx data ta' meta ser jiġi inawgurat il-mafkar, il-Kunsill qabel li għalissa l-ktieb ma jiġix stampat.

45.9.3 Hidma ma tieqafx mal-audit team FY 2020. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qed jiltaqa' kull ġimgħa jiltaqa' mal-*Accountant* dwar dan. Sena finanzjarja 2021 waslet biex tingħalaq. Bħalissa l-Kunsill qed jistenna l-audit *adjustments* tas-sena 2020 mingħand l-awdituri biex ikun jista'.

## 45.10 Korrispondenzi

45.10.1 Email mingħand Michael Cohen f'isem Transport Malta biex ma naċċettawx li nagħlqu toroq fil-weekend ta' 9-10 ta' April, ġranet li fihom ser ikun hawn il-miġja f'Malta tal-Papa Franġisku.

45.10.2 Ċirkulari mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bid-data tad-29 ta' Marzu dwar il-proċedura li tittieħed f'każ li kunsillier ikun elett bħala Membru Parlamentari.

## 45.11 Materji oħrajn u Mozzjonijiet

45.11.1 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li jridu jinqalgħu iċ-ċangaturi taħt fejn ser isiru l-Gazebos fi Ġnien il-Familja; biex jiġu llivellati ħalli jitwaħħlu. Il-Kunsill qabel ma dan.

45.11.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-*air condition* tal-uffiċċju tas-Segretarju reġa għamel il-ħsara. F'Diċembru wkoll kellu bzonn tiswijiet li qamu madwar €180. Ir-raġuni li jiswa' daqshekk hu għaliex il-gass li juża ma għadux jinġieb billi antik. Il-parir mogħti kien biex dan il-*unit* jinbidel; u għalhekk ippreżenta stima mingħand Joseph Michael Cefai ta' €495 li jinkludi installazzjoni u garanzija (eskluż VAT). Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

45.11.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-iskeda ta' Pagamenti numru 04/2022. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn il-ħlasijiet.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 45.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

42.12.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fil-19:21. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar L-Erbgħa 11 ta' Mejju 2022 fl-4:30pm.

(IFFIRMAT)

Paul Buttigieg
Sindku

(IFFIRMAT)

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt